A.L. 49 ta' l-1994

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 37(3) u 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Assoċjazzjoni" tfisser l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali imwaqqfa bir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali;

"Kungress" tfisser il-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ta' l-Ewropa u tinkludi l-Kamra ta' l-Awtoritajiet Lokali u l-Kamra ta' l-Awtoritajiet Reġjonali ta' l-istess Kungress;

"Kunsillier" tinkludi Sindku.

Twaqqif ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

3. Titwaqqaf Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bil-għan li ġġib 'il quddiem l-interessi komuni tal-Kunsilli Lokali kollha u li tirrappreżenta lill-Kunsilli Lokali f'assoċjazzjonijiet internazzjonali ta' awtoritajiet ta' gvern lokali.

Kif jintgħamel il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni.

4. (1) L-Assoċjazzjoni jkollha Kumitat Eżekuttiv li jintgħamel minn sitt Kunsillieri li jkunu fil-kariga.

(2) Fl-ewwel seduta li jagħmel il-Kumitat Eżekuttiv wara l-elezzjoni tiegħu dan għandu jgħaddi għall-elezzjoni ta' President ta' l-Assoċjazzjoni minn fost il-membri tiegħu stess.

(3) L-Assoċjazzjoni jkollha Reġistratur, li jkun id-Direttur (Kunsilli Lokali) *ex officio*.

(4) L-Assoċjazzjoni jkollha Segretarju Eżekuttiv li jkun uffiċjal pubbliku li jiġi inkarigat sabiex iwettaq dawk il-funzjonijiet mill-Ministru flimkien mal-President ta' l-Assoċjazzjoni.

Kif isiru n-nomini għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

5. (1) Kull Kunsillier li jkollu ħsieb jikkontesta l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv jiġi nominat permezz tal-formula li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Il-formula ta' nomini li hekk

timtela għandha tiġi konsenjata personalment mill-kandidat lil wieħed mill-Kummissjonarji fl-Uffiċċju Elettorali fid-dati u fil-ħinijiet stabbiliti għal dak il-għan mill-Kummissjoni.

(2) Kull nomina għandha ssir lill-Kummissjoni Elettorali u għandha tiġi ffirmata minn proponent li jkun Kunsillier mill-lokalità tal-kandidat innifsu, u minn żewġ sekondanti li jkunu Kunsillieri minn lokalità jew lokalitajiet li ma jkunux il-lokalità tal-kandidat. Il-kandidat għandu wkoll jiffirma li jkun qiegħed jaċċetta n-nomina.

Kif issir l-elezzjoni.

6. (1) Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiġu eletti bil-mezz tas-sistema tar-rappreżentanza proporzjonali bl-użu ta' vot wieħed trasferibbli.

(2) L-elezzjoni ssir kull sentejn fit-tieni Sibt ta' Mejju wara li l-Kummissjonarji joħorġu avviż dwar hekk.

(3) Is-Segretarju tal-Kunsill jagħmilha minflok il-Kummissjoni Elettorali matul il-votazzjoni fil-lokalità tiegħu.

(4) Jekk ma' tmiem iż-żmien stabbilit għad-dħul ta' nomini l-għadd ta' kandidati nominati jkun ta' sitta jew inqas minn sitta, il-Kummissjoni Elettorali għandha tiddikjara lill-kandidati li jiġu hekk nominati bħala li jkunu ġew eletti.

(5) Jekk ma' tmiem iż-żmien stabbilit għad-dħul ta' nomini l-għadd ta' kandidati nominati jkun ta' inqas minn sitta, il-Kummissjoni toħroġ avviż ġdid għal elezzjoni biex jimtlew is-siġġijiet vakanti li jifdal u jekk wara li jsir dan ma jiġux nominati aktar kandidati, jew jekk l-għadd ta' kandidati nominati jkun anqas mill-għadd ta' siġġijiet vakanti, is-siġġijiet li wara dan jibqgħu vakanti jistgħu jimtlew bil-għażla ta' Kunsillier jew Kunsillieri mill-Kunsillier jew Kunsillieri li jkunu qabel ġew dikjarati eletti mill-Kummissjoni b'dan illi fl-għażla tal-membru l-ieħor għandhom jitqiesu il-kwalifiki msemmija fis-subparagrafi (a), (b) u (ċ) tal-paragrafu (3) tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Il-votazzjoni għandha ssir f'kull lokalità fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali bejn it-8 a.m. u l-11 a.m.:

Iżda meta jkunu ivvotaw il-Kunsillieri kollha, il-Kummissjoni tagħlaq il-votazzjoni f'dik il-lokalità qabel il-ħin stabbilit.

(7) Il-polza tal-votazzjoni ta' kull votant għandha tintgħamel minn karta kif muri fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, li jkun fiha lista ta' kandidati li jkunu indikati b'isimhom (inkluż xi laqam li jista' jkollhom) kif ukoll il-lokalità li jirrappreżentaw bħala Kunsillieri.

(8) Il-votanti għandhom iqegħdu l-poloz tagħhom ġewwa *envelope* li jingħatalhom mill-Kummissjoni. L-*envelope* jiġi ssiġillat mill-votant innifsu u jiġi ttimbrat u ffirmat mis-Segretarju li għandu personalment, ma' tmiem il-votazzjoni, minnufih jikkonsenja l-*envelopes* kollha siġillati lill-Kummissjoni Elettorali.

(9) L-għadd tal-voti jibda minnufih hekk kif ikunu ġew depożitati għand il-Kummissjoni Elettorali l-*envelopes* siġillati kollha mill-lokalitajiet kollha.

(10) Ir-riżultati ta' l-elezzjonijiet għandhom jiġu komunikati minnufih mill-Kummissjoni Elettorali lill-Ministru u għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta mhux iktar tard minn jumejn wara li jkunu ġew komunikati lill-Ministru.

(11) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor b'dawn ir-regolamenti, l-elezzjoni għandha titmexxa mill-Kummissjoni Elettorali skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att skond kif dawn japplikaw fiċ-ċirkostanzi.

Rappreżentanza fil-Kungress.

7. (1) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha tkun rappreżentata fil-Kungress imwaqqaf mill-Kunsill ta' l-Ewropa.

(2) Il-Ministru jaħtar id-delegazzjoni li tattendi għall-Kungress, li tintgħamel minn rappreżentanti u mis-sostituti tagħhom minn fost il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni.

(3) Meta l-Ministru jkun qed jaħtar lir-rappreżentanti u s-sostituti tagħhom, huwa għandu jara li kemm jista' jkun possibbli għandu jitqies li jkun hemm:

(a) rappreżentanza ġeografika bilanċjata;

(b) rappreżentanza ekwa tad-diversi gruppi politiċi;

(ċ) rappreżentanza ekwa ta' nisa w rġiel,

kif rappreżentati mill-Kunsillieri eletti kollha.

L-Assoċjazzjoni tagħti pariri lill-Ministru fuq kull ġemellaġġ.

8. (1) Kull ġemellaġġ bejn belt kapitali, belt oħra jew raħal f'Malta u lokalità oħra f'xi pajjiż barrani ieħor jeħtieġ li jiġi approvat mill-Ministru wara li l-Assoċjazzjoni tkun tat lill-Ministru l-fehma tagħha dwar dak il-ġemellaġġ.

(2) Fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ġemellaġġ ta' lokalitajiet, għandu jitqies l-i*status* tal-lokalitajiet maħsuba li jitqegħdu f'ġemellaġġ b'mod illi l-belt kapitali jew il-bliet kapitali li kellha qabel Malta jistgħu jitqegħdu biss f'ġemellaġġ ma' belt kapitali jew bliet kapitali li kellu qabel pajjiż barrani ieħor, u belt għandha titqiegħed biss f'ġemellaġġ ma' belt oħra.

Ordnijiet Permanenti.

9. L-Ordnijiet Permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv.

Dispożizzjonijiet transitorji.

10. (1) In-nomini għall-ewwel elezzjoni għandhom jintlaqgħu bejn is-17 u 19 ta' Mejju, 1994.

(2) L-ewwel elezzjoni għandha ssir fil-21 ta' Mejju, 1994.

(3) L-ewwel elezzjonijiet ikunu miftuħa għall-Kunsillieri eletti kollha wkoll jekk ikunu għadhom ma ħadux il-ġurament tal-kariga tagħhom.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 5)

Formula ta' Applikazzjoni għall-Elezzjoni ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Lill-Kummissjoni Elettorali

Kunjom .....

Isem .....

Lokalità tal-Kunsill Lokali .....

B'dan qed nipproponi lill-Kunsillier fuq indikat bħala kandidat/a għall-elezzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li għandhom isiru fi (titniżżel id-data fuq il-formula).

Proponent ..... Lokalità tal-Kunsill .....

Numru tal-Karta ta' l-Identità ..... Firma .....

B'dan qed nissekondaw lill-Kunsillier fuq indikat bħala kandidat/a għall-istess elezzjonijiet.

Sekondant ..... Lokalità tal-Kunsill .....

Numru tal-Karta ta' l-Identità ..... Firma .....

Sekondant ..... Lokalità tal-Kunsill .....

Numru tal-Karta ta' l-Identità ..... Firma .....

B'dan jien niddikjara li qed naċċetta n-nomina tiegħi magħmula hawn iktar qabel.

Data ....

.....

Firma ta' min japplika
Numru tal-Karta ta' Identità

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 6)

Formula tal-Polza

Immarka skond il-preferenzi li tagħti.	*Badge* tal-Kandidat	Isem tal-Kandidati
		PARTIT TAL-FJURA
		**JONES,** (John Jones, Kunsillier għal Ħondoq ir-Rummien)
		**MAGRO,** (William David Magro, Kunsillier għal San Mark)
		**MUSCAT,** (Francesco Muscat, Kunsillier għal Tal-Fanal)
		**VELLA,** (James Vella, Kunsillier għal Xrobb il-Għaġin)
		WILLIAMS, (Francis Williams, Kunsillier għal San Ġakbu)
		PARTIT TAL-QANPIENA
		AZZOPARDI, (Spiro Azzopardi, Kunsillier għal Tal-Kelb)
		**BORG,** (Assuero Borg, Kunsillier għal Ramla l-Ħamra)
		**CASSAR,** (Lela Cassar, Kunsillier għal Għammieri)
		**MIZZI,** (Ġlormu Mizzi, Kunsillier għal Millieri)
		**ZARB,** (Fortunato Zarb, Kunsillier għal Saptan)
		PARTIT TAL-PINNA
		**AZZOPARDI,** (Reginald Azzopardi, Kunsillier għal Tartani)
		**ZAMMIT,** (Lawrence Zammit, Kunsillier għal San Mattew)
		KANDIDATI INDIPENDENTI
		**BUHAGIAR,** (George Buhagiar, Kunsillier għal Farruġ)
		**GALEA,** (Ninu Galea, Kunsillier għal San Ġuda)